# Ġ 4.3 IT-TIBDIL SKONT L-ISTAĠUN



**Ġ4.3.4**

Inżommu ġurnal mifrux fuq sebat ijiem u fih inniżżlu l-osservazzjonijiet tagħna.

**Riċerka ta' Philip Demicoli – Kulleġġ San Benedittu**

## IL-KLIMA

### X'nifhmu bil-kelma KLIMA?



Meta nitkellmu dwar KLIMA nsemmu dawk l-elementi tan-natura bħas-sħana, il-kesħa, ix-xita, il-borra jew in-nixfa, li jikkaratterizzaw it-temp ta' xi pajjiż partikolari fuq medda twila ta' snin.

Għalkemm it-temp ta' ħafna pajjiżi jinbidel skont l-istaġuni, ħafna drabi meta nitkellmu dwar il-klima nagħtu kas tal-qagħda ġeografika tal-pajjiż u fatturi oħra li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent fiżiku tal-paesaġġ, bħal muntanji, baħar, deżert, foresti, xmajjar jew silġ.



### Kif naqsmu l-klimi differenti li nsibu madwar id-dinja?

Id-disinn li ġej jurina kif naqsmu l-klimi differenti fi tliet kategoriji prinċipali:

- ❖ l-Ekwatur
- ❖ qrib iċ-ċentru tad-dinja
- ❖ il-Poli tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar

## 1. L-ewwel kategorija (l-Ekwatur)

Dawk il-pajjiżi lli jinsabu qrib l-ekwatur huma kważi dejjem bi dritt ir-raġġi tax-xemx u allura qed jieħdu l-istess ammont ta' sħana s-sena kollha. Għalhekk f'dawn il-pajjiżi ftit li xejn jidhru d-differenzi bejn staġun u ieħor.

## 2. It-tieni kategorija (qrib iċ-ċentru tad-dinja)

Dawk il-pajjiżi li jinsabu n-naħa ta' fuq jew in-naħa t'isfel tal-ekwatur, ikollhom sajf sħun u niexef filwaqt li x-xitwa tagħhom tkun kiesħa u bix-xita. F'dawn l-inħawi tad-dinja wieħed jista' josserva sew id-differenzi ewlenin li jġibu magħhom l-istaġuni.

## 3. It-tielet kategorija (il-Poli tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar)

Dawk il-pajjiżi li qegħdin fit-truf tad-dinja (fil-Pol tat-Tramuntana u fil-Pol tan-Nofsinhar) ftit li xejn jintlaħqu mir-raġġi tax-xemx ħlief għal żmien qasir fis-sajf. B'hekk għandhom kesħa kbira s-sena kollha, li tonqos xi ftit fis-sajf.

